MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Numru 524/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**Vs.**

**CARL MARIO MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carl Mario Micallef ta' 18 –il sena bin Martin u Josephine nata Tanti imwieled Etobicoke, Ontario il-Kanada fid-29 ta' Settembru 1986 u residenti 'AntCarl' Triq il-batterija, Santa Venera detentur ta' ID card numru: 128195M.

Billi huwa akkuzat talli fl-10 ta' Jannar 2005 ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghodu gewwa Hal-Qormi filwaqt li kien qed isuq u/jew kellu kontroll ta' van numru JOE 079,

b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna l-mewt ta’ Hayley Ann Briffa ta’ sentejn;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi li gabu l-konsegwenzi msemmijjin fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 fuq il-persuna ta’ Marthese Briffa;

Akkuat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, saq u/jew uza vettura bil-mutur (van numru JOE 079) fit Triq liema vettura ma kelliex fis-sehh il-polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 (1) tal-Kap 104;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq il-vettura indikata aktar il-fuq minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-Triq u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65;
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saqt l-imsemmi Van numru JOE 079 b’manjiera traskurata, bla kont u perikoluza u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65;

U fl-ahhar akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna u/jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u dan meta dahal bl-imsemmi Van go parti mid-dar li ggib l-isem ta’ ‘Maison D’Amour’ sitwata fi Triq l-Izbandola Hal Qormi u dan ghad-dannu ta’ George Borg;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tiskwalifika lill imsemmi Carl Mario Micallef milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 8 ta' Marzu, 2007 u nnutat li l-imputat m'ghandux ogezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghti ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficcjal Prosekutur iddikjara li minn verifiki li ghamel illum jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat fiha biss kundanna ta' Euro 35 fuq kaz ta' kontravenzjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-Art. 17, 225, 328 u 533 tal-Kap. 9, l-Art. 3(1)(2) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carl Mario Micallef fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut konta c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-eta' tenera tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficcjal Prosekutur iddikjara li minn verifiki li ghamel illum jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat fiha biss kundanna ta' Euro 35 fuq kaz ta' kontravenzjoni u minn naha l-ohra l-gravita' tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Carl Mario Micallef ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u hdax –il elf, sitt mija u seba' u erbghin Euro (Euro 11,647) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mill-lum l-imputat Carl Mario Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Carl Mario Micallef sabiex fi zmien sentejn (2) millum, ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' elfejn, mija u tmienja u tletin Euro (Euro 2,138) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-ProcessVerbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RM 1.
Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Carl Mario Micallef milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) snin u sitt (6) xhur millum.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carl Mario Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------